



Dokument ta' sessjoni

B9-0408/2023 }
B9-0410/2023 }
B9-0411/2023 }
B9-0417/2023 }
B9-0420/2023 } RC1

4.10.2023

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B9-0408/2023 (S&D)

B9-0410/2023 (Verts/ALE)

B9-0411/2023 (PPE)

B9-417/2023 (Renew)

B9-20/2023 (ECR)

dwar ir-rendikont tal-progress tal-Moldova fit-triq lejn l-UE
(2023/2838(RSP))

**Siegfried Mureşan, Andrzej Halicki, Michael Gahler, Rasa Juknevičienė,
David McAllister, Vangelis Meimarakis, Andrius Kubilius, Isabel
Wiseler-Lima, Traian Băsescu, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş
Bogdan, Daniel Buda, Cristian-Silviu Buşoi, Gheorghe Falcă,
Mircea-Gheorghe Hava, Danuta Maria Hübner, Sandra Kalniete, Andrey
Kovatchev, David Lega, Miriam Lexmann, Lukas Mandl, Marian-Jean
Marinescu, Dan-Ştefan Motreanu, Gheorghe-Vlad Nistor, Radosław
Sikorski, Eugen Tomac, Loránt Vincze, Iuliu Winkler**

RC\1287337MT.docx

PE754.302v01-00 }

PE754.304v01-00 }

PE754.305v01-00 }

PE754.311v01-00 }

PE754.314v01-00 } RC1

f' isem il-Grupp PPE

Pedro Marques, Tonino Picula, Thijs Reuten, Juozas Olekas, Victor Negrescu

f' isem il-Grupp S&D

Dragoş Tudorache, Abir Al-Sahlani, Petras Auštrevičius, Nicola Beer, Dita Charanzová, Katalin Cseh, Olivier Chastel, Dacian Cioloş, Vlad Gheorghe, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Karen Melchior, Javier Nart, Dragoş Pîslaru, Frédérique Ries, Ramona Strugariu, Hilde Vautmans

f' isem il-Grupp Renew

Viola von Cramon-Taubadel

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Anna Fotyga, Angel Dzhambazki, Ryszard Czarnecki, Assita Kanko, Joachim Stanisław Brudziński, Jacek Saryusz-Wolski, Witold Jan Waszczykowski, Bogdan Rzońca, Elżbieta Rafalska, Eugen Jurzyca, Adam Bielan, Elżbieta Kruk, Anna Zalewska, Carlo Fidanza, Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová

f' isem il-Grupp ECR

Fabio Massimo Castaldo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rendikont tal-progress tal-Moldova fit-triq lejn l-UE (2023/2838(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet reċenti tiegħu dwar ir-Repubblika tal-Moldova,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra¹, li jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (AA/DCFTA),
 - wara li kkunsidra l-applikazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova tat-3 ta' Marzu 2022 biex issir membru tal-UE, u l-għoti sussegwenti ta' status ta' kandidat mill-Kunsill Ewropew fit-23 ta' Ġunju 2022, abbażi ta' valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni u f'konformità mal-fehmiet espressi mill-Parlament,
 - wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2022 dwar l-applikazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova biex issir membru tal-Unjoni Ewropea (COM(2022)0406) u d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal tas-6 ta' Frar 2023 bit-titolu “Association Implementation Report on the Republic of Moldova” (Rapport dwar l-Implimentazzjoni ta' Assoċjazzjoni dwar ir-Repubblika tal-Moldova) (SWD(2023)0041),
 - wara li kkunsidra r-rapport analitiku tal-Kummissjoni tal-1 ta' Frar 2023 dwar l-allinjament tal-Moldova mal-*acquis* tal-UE (SWD(2023)0032),
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta wara s-seba' laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova tas-7 ta' Frar 2023 u d-dikjarazzjoni finali tat-13-il laqgħa tal-Kumitat Parlamentari ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova tat-23 ta' Marzu 2023,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2022, tat-23 ta' Marzu 2023 u tad-29 u t-30 ta' Ġunju 2023,
 - wara li kkunsidra l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni aġġornata bejn l-UE u l-Moldova għall-2021-2027 tat-22 ta' Awwissu 2022 u l-Pakkett ta' Appoġġ għar-Repubblika tal-Moldova ppreżentat mill-Kummissjoni fit-28 ta' Ġunju 2023,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-Repubblika tal-Moldova ppreżentat l-applikazzjoni tagħha biex tissieħeb fl-UE fit-3 ta' Marzu 2022 u ilha pajjiż kandidat tal-UE mit-23 ta' Ġunju 2022;

¹ ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.
RC\1287337MT.docx

- B. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Moldova intensifikaw minn dak iż-żmien 'l hawn, ibbażati fuq impenn reċiproku biex tissaħħaħ l-assoċjazzjoni politika tagħhom; billi l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2022 dwar it-tkabbir u l-proċess ta' stabilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni enfasizzaw li trid tiġi approfondita aktar il-kooperazzjoni settorjali tal-UE mal-Moldova u li din tiġi integrata fis-suq intern tal-UE;
- C. billi l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova qed isegwi proċess ambizzjuż ta' riformi politiċi, ġudizzjarji u istituzzjonali u wera d-determinazzjoni u l-kapaċità tiegħu li jwettag id-disa' passi identifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni biex jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti ħalli jinbdew in-negozjati ta' adeżjoni; billi l-adeżjoni mal-UE tibqa' proċess ibbażat fuq il-mertu li jirrikjedi li jiġu ssodisfati l-kriterji ta' adeżjoni tal-UE;
- D. billi fit-22 ta' Ġunju 2023 il-Kummissjoni pprovdiet aġġornament orali lill-Kunsill dwar il-progress tal-Moldova, u rieżami aktar dettaljat se jiffirma parti mir-rapporti tal-Pakkett tat-Tkabbir tal-2023 dwar l-10 pajjiżi tat-tkabbir; billi l-Kummissjoni, fl-aġġornament orali tagħha li pprovdiet lill-Kunsill f'Ġunju, kif mitlub mill-Istati Membri tal-UE, ivvalutat li tliet passi kienu ġew issodisfati (2, 8 u 9) u li kien sar progress sinifikanti fi tliet passi oħra (1, 4, 7);
- E. billi r-Repubblika tal-Moldova ilha tagħmel sforzi kbar u progress sinifikanti biex timplimenta l-kundizzjonijiet kollha stipulati mill-Kummissjoni, b'mod partikolari billi indirizzat in-nuqqasijiet identifikati mill-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE u l-Kummissjoni ta' Venezja dwar ir-riformi tas-sistema ġudizzjarja u r-riformi tal-kodiċi elettorali, żiedet l-involviment tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u saħħet il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari tal-gruppi vulnerabbli, u ssaħħet l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa; billi l-valutazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni dwar il-progress li sar mir-Repubblika tal-Moldova se tibgħat messaggġ politiku ċar u se jkollha impatt sinifikanti fuq il-futur tal-pajjiż;
- F. billi ntlaħaq qbil ukoll dwar il-Pjan ta' Azzjoni Prijoritarju UE-Moldova f'Ġunju 2023 u se jiffunzjona bħala pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni sħiħa taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA) bejn l-UE u l-Moldova u l-integrazzjoni ulterjuri tal-Moldova fis-suq uniku tal-UE, bi prijoritajiet li ntlaħaq qbil konġunt dwarhom għall-2023-2024; billi fit-28 ta' Ġunju 2023 il-Kummissjoni ppreżentat Pakkett ta' Appoġġ għar-Repubblika tal-Moldova, li jindirizza l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għandu l-għan li jqarreb lill-Moldova lejn l-UE;
- G. billi minkejja l-effetti drammatiċi tal-gwerra fuq l-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova rnexxielha tikkonsolida b'mod sinifikanti d-demokrazija tagħha u żżomm it-trajettorja ta' riformi; billi t-tiġib fis-sistema demokratika tal-pajjiż ġie rifless fil-progress tiegħu f'diversi indiċi internazzjonali: it-28 post minn 180 pajjiż fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2023 ta' Reporters Mingħajr Fruntieri ('il fuq mill-40 post fl-2022); il-91 post minn 180 pajjiż fl-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni tal-2022 ta' Transparency International ('il fuq mill-105 post fl-2021); it-68 post minn 140 pajjiż fl-

Indiċi tal-Istat tad-Dritt tal-2022 tal-Proġett Dinji tal-Ġustizzja ('il fuq mit-73 post fl-2021);

- H. billi l-Federazzjoni Russa ilha tuża l-provokazzjoni, id-diżinformazzjoni, il-finanzjament illegali tal-partiti politiċi, l-attakki ċibernetiċi u mezzi ibridi oħra biex iddgħajjef l-istabbiltà, is-sovranià, l-ordni kostituzzjonali u l-istituzzjonijiet demokratiċi tar-Repubblika tal-Moldova; billi l-attivitajiet sovversivi tar-Russja fil-Moldova jfittxu li jfixxlu l-appoġġ popolari għall-perkors Ewropew magħżul mill-poplu tal-Moldova u jrawmu d-destabilizzazzjoni; billi r-Russja użat l-esportazzjonijiet tal-gass tagħha bħala għodda biex tagħmel pressjoni fuq il-Gvern tal-Moldova, inkluż fir-rigward tal-orjentazzjoni tiegħu lejn l-Ewropa; billi l-użu tal-enerġija mir-Russja bħala arma kompli jesponi l-fraġilità tas-settur tal-enerġija Moldovan, filwaqt li l-konnessjonijiet tal-pajjiż mas-suq u l-mekkaniżmi tal-gass u tal-elettriku tal-UE għenuh jindirizza l-kriżi; billi l-prezzijiet għolja tal-enerġija wasslu għal żieda ta' aktar minn 30 % fl-inflazzjoni u l-output ekonomiku Moldovan naqas b'5,9 % sena wara sena f'termini reali fl-2022; billi għalkemm ir-Repubblika tal-Moldova ddiversifikat il-provvisti tal-gass naturali tagħha lil hinn mir-Russja, il-provvista tal-elettriku tagħha tibqa' fil-biċċa l-kbira dipendenti fuq l-impjant tal-enerġija ta' Cuciurgan li huwa proprjetà Russa fir-reġjun tat-Transnistrija; billi, minkejja dawn it-tentattivi kollha ta' destabilizzazzjoni, il-poplu Moldovan u t-tmexxija Moldovana baqgħu determinati li jsegwu t-triq pro-Ewropea li għażlu;
- I. billi l-missili Russi mmirati lejn l-Ukrajna taru f'diversi okkażjonijiet fuq it-territorju tar-Repubblika tal-Moldova, bi ksur ċar tas-sovranià tal-Moldova, u f'diversi okkażjonijiet fdalijiet tal-missili Russi waqgħu fit-territorju Moldovan, u kkawżaw ħsara u pperikolaw il-ħajja tal-popolazzjoni ċivili; billi s-sorveljanza u d-difiża tal-ajru tal-Moldova għandhom bżonn urġenti ta' investiment u modernizzazzjoni u l-Gvern Moldovan talab lis-sħab tal-Punent tiegħu għal sistemi ta' difiża tal-ajru;
- J. billi fl-20 ta' Lulju 2023, l-UE reġgħet estendiet b'sena, sal-24 ta' Lulju 2024, is-suspensjoni temporanja tagħha tat-tariffi u tas-sistemi tal-prezzijiet ta' dħul li għadhom applikabbli għal seba' prodotti agrikoli Moldovani;
- K. billi fl-24 ta' April 2023, l-UE stabbiliet il-Missjoni ta' Sħubija fil-Moldova fl-ambitu tal-politika ta' sigurtà u difiża komuni, bl-objettiv li ttejjeb ir-reżiljenza tas-settur tas-sigurtà fl-oqsma tal-ġestjoni tal-kriżijiet, it-theddid ibridu u l-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza mill-barranin;
- L. billi fit-18 ta' Settembru 2023, il-Moldova ssieħbet fil-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili bħala Stat parteċipanti;
 - 1. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu biex fil-futur ir-Repubblika tal-Moldova ssir membru tal-UE u jirrikonoxxi li postha huwa fl-UE; jemmen li din tikkostitwixxi investiment ġeostrateġiku f'Ewropa magħquda u b'saħħitha; jistenna bil-ħerqa l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-passi li wettqet ir-Repubblika tal-Moldova, identifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni, bħala parti mill-pakkett tat-tkabbir tal-2023;

2. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Ewropew biex, flimkien mar-

Repubblika tal-Moldova, jibdedew in-negozjati tal-adeżjoni mal-UE sa tmiem l-2023;

3. Jissottolinja l-importanza li jitkompla l-proċess ta' riforma tal-pajjiż, mhux biss sabiex jinkiseb l-oġettiv politiku tal-adeżjoni mal-UE, iżda fuq kolloxx biex jittejjbu b'mod tanġibbli l-istandards tal-għajxien tal-popolazzjoni, speċjalment tal-gruppi l-aktar vulnerabbli, u biex il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh jingħataw prospetti attraenti ta' ħajja u xogħol fil-pajjiż; jilqa' l-appoġġ popolari wiesa' fir-Repubblika tal-Moldova għall-integrazzjoni Ewropea tagħha, kif muri fl-aktar stħarriġ tal-opinjoni reċenti u kif osservat fl-Assemblea Nazzjonali tal-Moldova Ewropea fil-21 ta' Mejju 2023, fejn aktar minn 80 000 persuna nġabru fil-Pjazza tal-Gran Assemblea Nazzjonali f'Chişinău biex jesprimu l-appoġġ tagħhom għall-futur Ewropew tal-Moldova;
4. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-assistenza finanzjarja u teknika għar-Repubblika tal-Moldova biex jiffaċilitaw il-proċess tal-integrazzjoni rapida u effettiva tal-pajjiż fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżborża malajr il-pagament parzjali li jmiss tal-assistenza makrofinanzjarja li għaddejjja bħalissa għar-Repubblika tal-Moldova u tidentifika fondi addizzjonali għall-Moldova matul ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali fl-2023; jilqa', f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jżid l-assistenza makrofinanzjarja lill-Moldova; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rekwiżiti futuri kollha tagħha jibqgħu ċari u preċiżi u tevita li tistabbilixxi oġettivi li jiċċaqilqu għall-pajjiżi kandidati; jissottolinja li l-fatt li l-Kummissjoni tinvolvi ruħha mal-awtoritajiet fi stadju bikri tat-tfassil tal-politiki u r-riformi, flimkien mal-fatt li tipprovi assistenza teknika, se jippermetti lir-Repubblika tal-Moldova iżomm il-ħeffa u l-kwalità tar-riformi meħtieġa għall-adeżjoni mal-UE;
5. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tinholq faċilità ddedikata għall-Ukrajna biex tappoġġja l-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż; jinnota li l-allokazzjoni ppjanata ta' ammont massimu ta' EUR 50 biljun għall-faċilità bejn l-2024 u l-2027 kemm għall-għotjiet kif ukoll għas-self se tissostitwixxi l-appoġġ ippjanat għall-Ukrajna fl-ambitu tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali; jitlob li l-appoġġ bilaterali kollu għall-Ukrajna previst fl-NDICI – Ewropa Globali jiġi dirett mill-ġdid lejn ir-Repubblika tal-Moldova, bħala pajjiż kandidat tal-UE ġar tal-Ukrajna li bata l-aktar mill-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna;
6. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem biex tinkludi lir-Repubblika tal-Moldova fir-Regolament rivedut tal-IPA III², inkluż billi żżid biżżejjed il-baġit ġenerali tal-IPA III u billi tipprovi appoġġ biex tgħin lill-pajjiż iħejji ruħu b'mod adegwat ħalli jagħmel l-aħjar użu mill-fondi ta' qabel l-adeżjoni; jilqa' l-implimentazzjoni attwali tal-AA/DCFTA usa' u jistieden lill-awtoritajiet tal-Moldova jkomplu jaħdmu favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tiegħu kif ukoll fuq ir-riformi fil-qasam tad-demokrazija, tal-governanza u tal-istat tad-dritt b'mod ġenerali, bħala turija tal-ambizzjoni tagħhom li jħejju lill-pajjiż biex isir membru tal-UE u li jissodisfaw l-obbligi ta' Stat Membru tal-UE; jinsab sodisfatt bil-preżentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni

² Ir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III), ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1.

Prijoritarju UE-Moldova f'Ġunju 2023, li se jiffunzjona bħala pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni sħiħa tad-DCFTA u l-integrazzjoni ulterjuri tal-Moldova fis-suq uniku tal-UE, bi prijoritajiet li ntlaħaq qbil konġunt fuqhom għall-2023-2024;

7. Itenni l-appell tiegħu għal interazzjoni innovattiva, komplementari u flessibbli bejn l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-proċess ta' negozjati għall-adeżjoni, li tippermetti l-integrazzjoni gradwali tar-Repubblika tal-Moldova fis-suq uniku tal-UE, ibbażata fuq pjan ta' azzjoni prijoritarju u programmi settorjali rilevanti u li tipprovdi aċċess għall-fondi rilevanti tal-UE, b'mod li ċ-ċittadini Moldovani jkunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji tal-adeżjoni matul il-proċess u mhux biss meta dan ikun tlesta;
8. Jilqa' l-isforzi konsiderevoli li qed jagħmlu l-awtoritajiet tal-Moldova biex javvanzaw l-aġenda għar-riformi ħalli l-pajjiż jimxi 'l quddiem biex isir membru tal-UE; ifaħħar il-progress li għamlet ir-Repubblika tal-Moldova fir-riforma tas-settur tal-ġustizzja, speċjalment fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni għall-adeżjoni tal-Moldova; iħeġġeġ lill-gvern jaħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha favur riforma sostenibbli u komprensiva fil-qasam tal-ġustizzja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-UE u tal-Kummissjoni ta' Venezja; jistieden lill-gvern ikompli l-ħidma tiegħu fuq id-deoligarkizzazzjoni, ir-riforma tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika;
9. Jenfasizza l-prijorità assoluta li jissaħħaħ l-istat tad-dritt, li kiseb importanza sostanzjali fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE u jibqa' waħda mill-aktar kundizzjonijiet importanti għall-adeżjoni mal-UE, biex jiġi żgurat li t-tkabbir tal-UE jsaħħaħ pjuttost milli jdgħajjef l-Unjoni u s-suq uniku tagħha; jistenna, għalhekk, li r-Repubblika tal-Moldova tkompli u tlesti l-proċess ta' skrutinju tal-ġudikatura tagħha u jirakkomanda li ssaħħaħ il-koordinazzjoni fost l-istituzzjonijiet kollha maħluqa għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u involuti fiha u li tiżviluppa approċċ olistiku kontra l-korruzzjoni li jkopri l-istadji kollha mill-prevenzjoni sal-prosekuzzjoni;
10. Ifakkar fil-pass imgħaġġel tar-riformi ta' trasformazzjoni ekonomika li varat ir-Repubblika tal-Moldova, fosthom li twettaq proċess ta' deregolamentazzjoni enormi għall-ekonomija tagħha, tnaqqas il-piżijiet amministrattivi żejda u tillimita l-burokrazija, filwaqt li tħaffef il-pass tat-trasformazzjoni diġitali, sabiex ittejjeb il-klima tan-negozju tal-Moldova u tagħmilha aktar faċli li jsir negozju fil-Moldova; ifakkar li s-sinerġiji kummerċjali bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-UE huma sinifikanti u jikkostitwixxu kważi nofs il-kummerċ tal-Moldova tas-sena li għaddiet, b'aktar minn 58 % tal-esportazzjonijiet tagħha diretti lejn pajjiżi tal-UE;
11. Jilqa' l-isforzi li saru biex jissaħħaħ l-involviment tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-teħid ta' deċizzjonijiet; jinnota li l-portal tal-konsultazzjonijiet particip.gov.md ġie aġġornat u issa jippermetti li l-abbozzi ta' politika u dawk legali jiġu trażmessi awtomatikament lill-partijiet ikkonċernati u li jinġabru l-kummenti u l-proposti tagħhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet ikomplu jtejbu t-trasparenza tat-teħid ta' deċizzjonijiet u jinvolvu lis-soċjetà ċivili fil-livelli kollha, peress li dan se jsaħħaħ l-appoġġ pubbliku għar-riformi; jilqa' l-inizjattivi kollha mis-soċjetà ċivili u mill-komunità internazzjonali biex jappoġġjaw l-

integrità tal-ġustizzja u r-riforma tas-sistema ġudizzjarja fil-pajjiż, b' mod partikolari dawk l-isforzi li jagħmlu lill-pubbliku ġenerali konxju mill-impatt pożittiv li ġudikatura indipendenti, kompetenti u effiċjenti għandha fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini;

12. Jilqa' l-ftehim li jassoċja lir-Repubblika tal-Moldova mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, iffirmit fid-9 ta' Mejju 2023, u l-ftehim dwar il-parteeipazzjoni tagħha fil-programm tas-suq uniku tal-UE, iffirmit fit-8 ta' Settembru 2023; jistieden mill-ġdid lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw l-integrazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova billi jinkorporaw il-pajjiż fil-programmi, l-istrumenti u l-aġenziji tal-UE bħall-programm Ewropa Diġitali, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), DiscoverEU u l-Programm dwar il-Ġustizzja (JUST), kif ukoll isaħħu l-parteeipazzjoni tal-pajjiż fi programmi li diġà nġhaqad magħhom, bħall-Erasmus Mundus; jilqa' l-iżviluppi reċenti rigward ir-“roaming daqslikieku f'pajjiżek” u s-sigurtà, li se jħaffu l-pass tal-armonizzazzjoni leġislattiva u jirriżultaw fil-benefiċċju konkret ta' rabtiet aktar mill-qrib bejn l-UE u ċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova;
13. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jipprovdu appoġġ politiku, ekonomiku u umanitarju lir-Repubblika tal-Moldova, inkluż permezz tal-Pjattaforma ta' Appoġġ għall-Moldova;
14. Jilqa' t-tiġdid tal-miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ biex l-ekonomija tar-Repubblika tal-Moldova tingħata appoġġ billi jiġu sospiżi l-kwoti tariffarji kollha u jappella għall-estensjoni ulterjuri tagħhom; jistieden lill-UE tieħu passi rapidi u sinifikanti lejn il-liberalizzazzjoni permanenti tal-kwoti tariffarji tagħha sabiex tiżgura l-prevedibbiltà u żżid l-attraenza tal-pajjiż fuq terminu medju u twil għall-investituri; jistieden mill-ġdid lill-UE, meta wieħed iqis l-istruttura tal-ekonomija zġhira tal-Moldova u abbażi ta' valutazzjonijiet tal-awditjar pożittivi, biex tkompli tippermetti l-importazzjoni ta' prodotti Moldovani li joriġinaw mill-annimali u żżid l-assistenza finanzjarja tagħha lill-bdiewa Moldovani affettwati mit-tfixkil fis-suq bħala konsegwenza tal-gwerra fl-Ukrajna; jinnota li l-miżuri msemmija hawn fuq għandhom ikunu akkumpanjati wkoll minn appoġġ għas-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola tal-Moldova;
15. Jikkundanna bil-qawwa l-operazzjonijiet ibridi mingħajr preċedent orkestrati mill-Federazzjoni Russa, imwettqa permezz tar-rappreżentanti kriminali tagħha, li qed ifixxlu l-proċessi elettorali fir-Repubblika tal-Moldova permezz ta' appoġġ finanzjarju illeċitu lill-partiti politiċi, bil-għan li jdgħajfu s-sigurtà, is-sovranità u l-pedamenti demokratiċi tal-pajjiż; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-UE żżid l-appoġġ tagħha għall-isforzi tal-Gvern tal-Moldova biex jipprevjeni tali ndħil fil-proċessi demokratiċi tal-pajjiż, inkluż permezz ta' listi ta' sanzjonijiet immirati addizzjonali;
16. Jistieden lill-atturi politiċi kollha jikkontribwixxu biex jissodisfaw l-aspirazzjonijiet Ewropej tal-poplu tal-Moldova, billi jfittxu li jistabbilixxu kunsens dwar il-bieċa l-kbira tar-riformi importanti u urġenti, jinvolvu ruħhom b' mod attiv fil-ħidma leġislattiva tal-Parlament tal-Moldova bil-għan li l-leġislazzjoni tal-Moldova tiġi armonizzata aktar mal-istandards tal-UE, u jinvolvu ruħhom mas-soċjetà ċivili fir-riformi ewlenin kollha

kif ukoll fl-orjentazzjoni Ewropea tal-pajjiż; jesprimi r-rieda tiegħu li jikkontribwixxi għall-appoġġ u t-tiżiż tad-demokrazija parlamentari fir-Repubblika tal-Moldova, inkluż permezz tad-Djalogu Jean Monnet, meta jkun xieraq fil-kuntest domestiku tagħha; jilqa', f'dan ir-rigward, l-ħidma li għaddejja dwar rieżami tar-regoli ta' proċedura u l-kodiċi ta' kondotta tal-Parlament tal-Moldova; jitlob f'dan ir-rigward li jitqies it-tiżiż tal-kooperazzjoni ta' kuljum bejn il-Parlament tar-Repubblika tal-Moldova u l-Parlament Ewropew billi tiġi stabbilita l-preżenza permanenti ta' persunal fil-parlamenti ta' xulxin, li tista' tinvolvi l-ħatra ta' rappreżentant permanenti tal-Parlament Ewropew għall-Parlament Moldovan u l-istidina lill-Parlament Moldovan biex jaħtar rappreżentant permanenti fi Brussell; jemmen li deċiżjoni bħal din tkun sinjal proattiv li l-UE u l-Moldova qed jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet attwali bejniethom u se jsaħħu l-iskambji ta' informazzjoni, l-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti u t-taħditiet futuri dwar l-adeżjoni mal-UE; jistieden lill-Gvern tal-Moldova jistieden lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili jkunu wkoll parti mill-35 grupp ta' ħidma responsabbli għan-negozjar tal-kapitoli tal-adeżjoni mal-UE u jintensifika l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili ħalli jgħin lill-pajjiż jimxi 'l quddiem fit-triq lejn l-UE;

17. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill ta' qafas ġdid ta' sanzjonijiet biex jegħleb azzjonijiet li għan tagħhom huwa li jiddestabilizzaw lill-Moldova, inklużi tentattivi biex jimminaw is-sovranià u l-indipendenza tagħha permezz tal-korruzzjoni; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill li juża dan il-qafas biex jissanzjona lil Ilan Şor, Vladimir Plahotniuc, Igor Ceaika, Gheorghe Cavaliuc u Marina Tauber; jitlob lill-UE u lill-awtoritajiet nazzjonali jiżguraw li dawk is-sanzjonijiet jiġu implimentati kif xieraq; jistieden lill-istati u t-territorji ospitanti rispettivi biex jestraddixxu lil Ilan Şor u lil Vladimir Plahotniuc biex jiħarrku fir-Repubblika tal-Moldova; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill isaħħu l-politika diretta kontra l-entitajiet legali u l-individwi li jippruvaw ifixklu jew jimminaw il-proċess politiku demokratiku tar-Repubblika tal-Moldova;
18. Itenni l-istidina tiegħu lill-awtoritajiet Russi biex jirrispettaw l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, is-sovranià u l-integrità territorjali tagħha, iwaqqfu l-provokazzjonijiet u t-tentattivi tagħhom biex jiddestabilizzaw il-pajjiż u jimminaw l-ordni kostituzzjonali u l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħha, jirtiraw il-forzi militari tagħhom mit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova u jappoġġjaw riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt Transnistrijan, f'konformità mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali u mad-deċiżjonijiet tas-Samit tal-OSKE f'Istanbul fl-1999;
19. Jitlob lill-UE u lill-istituzzjonijiet tagħha jkomplu jappoġġjaw l-isforzi tar-Repubblika tal-Moldova biex timmodernizza s-sistema ta' pagamenti tagħha sabiex tkun tista' tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-integrazzjoni fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro;
20. Jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiżguraw li tingħata l-assistenza kollha meħtieġa lir-Repubblika tal-Moldova biex issaħħaħ il-mekkaniżmi istituzzjonali tagħha u l-kapaċità tagħha li tirrispondi għat-theddid ibridu; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jrendu operativa u jsaħħu bis-sħiħ il-Missjoni ta' Sħubija tal-UE fir-Repubblika tal-Moldova (EUPM Moldova) sabiex din tkun tista' twettaq il-missjoni tagħha li ssaħħaħ ir-reżiljenza tar-Repubblika tal-Moldova; jilqa', f'dan ir-rigward, l-iffirmar fid-29 ta' Settembru 2023, tal-Ftehim dwar l-Istatus tal-EUPM bħala pass importanti biex il-

Missjoni tkun tista' timplimenta bis-sħiħ il-mandat tagħha; jitlob li jiġu żgurati r-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex il-proġetti jiġu implimentati b'mod effiċjenti, b'mod partikolari fil-qasam tat-taħriġ u l-għoti ta' tagħmir, sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet tar-Repubblika tal-Moldova;

21. Jieħu nota, b'sodisfazzjoni, tal-ħidma kontinwa fil-qafas tad-djalogu politiku u ta' sigurtà ta' livell għoli bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fuq il-politika barranija u ta' sigurtà, jitqajmu kwistjonijiet rilevanti ta' tħassib għas-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali u jiġu diskussi l-possibbiltajiet għal koordinazzjoni mill-qrib u għal miżuri effettivi ta' assistenza u appoġġ; jišhaq fuq l-importanza ta' tali djalogu fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni li għaddejja tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-konsegwenzi diretti tagħha għas-sigurtà tar-Repubblika tal-Moldova u l-istabbiltà tas-sitwazzjoni politika, ekonomika u soċjali fil-pajjiż: ifaħħar il-kapaċità tar-Repubblika tal-Moldova li tirreżisti dawn iċ-ċirkostanzi u l-azzjonijiet destabilizzanti; ifaħħar, b'mod partikolari, iż-żieda progressiva fil-koordinazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-allinjament magħha, li tagħti prova tar-rieda u t-tħejjija tal-pajjiż li jikkontribwixxi għall-politika, u jiddistingwiha b'mod pożittiv minn ċerti pajjiżi kandidati oħra;
22. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jtejbu l-komunikazzjoni strateġika dwar l-UE fir-Repubblika tal-Moldova; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jappoġġjaw il-litteriżmu medjatiku u l-indipendenza tal-media fir-Repubblika tal-Moldova, kif ukoll jappoġġjaw it-tisħiħ diġitali tal-infrastruttura kritika tagħha u s-sostituzzjoni tas-sistemi tal-ICT ta' oriġini Russa;
23. Jilqa' l-iffirmar fid-29 ta' Settembru 2023, tal-Ftehim li jippermetti lir-Repubblika tal-Moldova ssir stat parteċipanti fil-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili; jissottolinja li l-pajjiż diġà wera li huwa sieħeb affidabbli meta ospita u ta kenn lill-Ukreni li qed jaħarbu mill-gwerra u li, permezz tas-sħubija tagħha fil-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, ir-Repubblika tal-Moldova se tikkontribwixxi direttament għat-tisħiħ tat-tħejjija għall-emerġenzi u l-bini ta' sistema ta' ġestjoni tar-riskju tad-diżastri aktar reżiljenti fl-Ewropa;
24. Jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkonsolidaw iċ-Ċentru ta' Appoġġ tal-UE għas-Sigurtà Interna u l-Ġestjoni tal-Fruntieri fil-Moldova, li se jikkoordina l-appoġġ li l-UE u l-Istati Membri tagħha jipprovdu lill-Moldova biex issaħħaħ l-infurzar tal-liġi u b'hekk tindirizza aħjar l-implikazzjonijiet tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fil-qasam tal-kriminalità u s-sigurtà;
25. Itenni t-talba tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ikompli jappoġġjaw lir-Repubblika tal-Moldova biex jiżguraw l-indipendenza tal-enerġija tagħha, inkluż billi żżid il-kapaċità ta' ġenerazzjoni, il-konnettività, id-diversifikazzjoni u l-effiċjenza fl-enerġija tagħha; iħeġġeġ lill-UE tuża l-finanzjament ta' emerġenza biex issaħħaħ il-konnessjoni tar-Repubblika tal-Moldova mal-grilja tal-elettriku tal-UE, permezz ta' proġetti bħall-interkonnessjoni Bălți-Suceava; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu l-appoġġ tagħhom għar-riabilitazzjoni u t-titjib tal-infrastruttura tat-trasport tar-

Repubblika tal-Moldova, inkluż billi titpoġġa konnessjoni b'gauge tal-binarji ferrovjarji Ewropea minn Chişinău għal Iaşi (ir-Rumanija), bħala mod ta' appoġġ għall-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna u l-ekonomiji tal-Moldova u tal-Ukrajna;

26. itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-isfidi li qed taffronta ir-Repubblika tal-Moldova u l-istatus tagħha bħala pajjiż kandidat tal-UE, tkompli żżid il-kapaċità tal-persunal tagħha li qed jieħu ħsieb u qed jappoġġja l-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiż, kemm fi Brussell kif ukoll f'Chişinău, u tistabbilixxi unità speċifika għar-Repubblika tal-Moldova fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabir; jistieden lill-Kummissjoni tespandi l-opportunitajiet għall-Moldova biex tipparteċipa fil-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-UE u tosservaha, kif ukoll ittejjeb id-djalogu politiku strutturat, inkluż id-djalogu fil-marġni tal-Kunsill Ewropew;
27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Moldova, lill-Federazzjoni Russa, lin-NU, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u lill-Kunsill tal-Ewropa.